**160. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'kera lill-Verdala International School Foundation fond kif hu deskritt aħjar fl- abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il- kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita' "skond riżoluzzjoni specjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t- trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni specjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond magħruf bħala Fort Pembroke deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'kera lil Verdala International School Foundation għaż-żmien, għall-iskop u skond il- pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

23.06.1989